# Il-Ghanja Ta' Ghada

*Ta'* George Zammit

*Lil Anton Calleja, B.A.*

Hallejtha weħidha :
Hallejtha fil-beraħ sewdieni ta' lejla bla kwiekeb,
Fil-ħemda beżgħana ta' xagħra maħkuma w imrażżna
Mill-ħakma qattiela ta' rwiefen bla ħniena.
U smajtha,
Smajtha dik l-għajta ta' niket,
U siket
Siket ġo sidri kull leħen ta' tjieba
U libtet ġo qalbi l-imħabba.

Keffintha fil-kefen tal-bruda, ħażżimtha fil-ħżiem tal-mibegħda,
U ħrabt bħal min jaħrab il-ħaqq, bħal min jaħrab
Biex igħatti ħtijietu.

Hallejtha fil-beraħ sewdieni,
Fil-ħemda beżgħana tax-xagħra,
Fil-ħakma qattiela tar-rwiefen,
U ħrabt biex ninħeba ġo dari
U nsib il-mistrieħ li jfarragni,
Insib il-mistrieħ li jnissini.
U ħsibt li fil-ħwejjeġ maħbuba,
Fil-kotba tal-għana li jsaħħar,
Fil-ħrejjef ta' mħabba, fil-għożża
Tal-ġrajja mgħoddija ta' ġensna,
Fix-xogħol ta' l-ilwien, jew fil-ħlewwa
Tad-daqq, kont ser ninsa dik l-għajta
Dik l-għajta ta' niket fix-xagħra,
Fil-beraħ sewdieni ta' lejla bla kwiekeb...

Bħal tokk wara tokk ta' qanpiena
Li f'ħemda tal-lejl titlob talba ta' ħniena
Għal min qed imut,
Hekk f'qalbi dik l-għajta bdiet tidwi
Tidwi sakemm ġo widnejja, bħal karba minn qiegħ ta' tebut,
Hlief lilha ma smajtx : tokrob, tibki,

Issejjaħ, issejjaħ — u dari
Bil-ħwejjeġ maħbuba,
Bil-kotba tal-għana,
Bil-ħrejjef mgħoddija ta' ġensna,
Bil-ħlewwa tad-daqq li jgħaxxik, saret xagħra
Imbeżżgħa, maħkuma w imrażżna mill-ħakma tar-rwiefen.

U ġrejt bħal miġnun lejn il-beraħ sewdieni ta' lejla bla kwiekeb,
U sibtha — weħidha, mbikkija,
Imkeffna fil-kefen tal-bruda, imħażżma bil-ħżiem tal-mibegħda.

Inxtħett għarkobbtejja. Fuq moħħha
Mirżuħ bħal irħama ta' qabar
Xerridt dmugħ ta' sogħba.
Haddantha ma' sidri, seħtilha b'kull isem ta' mħabba.
U bistha...

U diebet id-dalma,
U trażżnu l-irwiefen,
U nbidlet ix-xagħra fi ġnien kollu mwarrad,
U siktet il-karba, w il-kefen
Sar libsa li ġmielha kien jitfi lill-kwiekeb
Li siekta jiżżerżqu mas-sema fil-ljieli sajfija.
U rajtha fi ġmielha — u ħabbejtha.

U qaltli: "Poeta, f'għajnejja ssib baħar ta' hena moħbija.
Il-bieraħ mal-bieraħ. Kburitu
Għabet max-xemx fuq ix-xefaq,
Midfuna fil-qabar ta' ġidha, li għadda.
U jiena l-ġejjieni. Jien l-għanja ta' għada. Żgħużiti għanjitek.
Hallihom l-allat ta' l-imgħoddi,
Iż-żifna tas-sħaħar li jwerżqu fil-ljieli qamrija.

M'hemmx għana mingħajri, m'hemmx sliema fl-imgħoddi.
Imħabbtek għalija — tihieli:
Il-ġid fil-ġejjieni, u s-seħer t'għanjitek fi ġmieli!"

Ħal Balzan, 8 . xi . 45.